# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Frar, 2022.**

**Numru 10**

**Rikors numru 614/2013/1 JRM**

**Peter Ellul, Raymond Ellul, Richard Ellul u Emanuel Ellul**

**v.**

**Angela Ellul, Maria Lourdes Abela, Andrew Ellul u Sapienza Ellul**

<u>Preliminari:</u>

1. Il-kontendenti huma aħwa. L-atturi jsostnu li ommhom Rosanna Ellul ma kellhiex il-kapaċita` biex tagħmel l-aħħar testment tagħha (datat 28 ta' Jannar, 2010) għaliex kienet milquta minn mard mentali jew għaliex kienet daqstant dgħajfa li kienet tagħmel kulma jgħidilha ħaddieħor. Għalhekk permezz ta' din il-kawża talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ssib

li l-imsemmi testment huwa null.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija minnha fl-10 ta' April, 2018, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontrihom.

3. L-atturi ħassewhom aggravati b'tali deċiżjoni u għalhekk intavolaw l-appell odjern fejn talbu lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet tagħhom. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

4. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qed tirriproduċi partijiet rilevanti mis-sentenza appellata:

> *"Il-Qorti:*
>
> *Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-24 ta' Ġunju, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi jitolbu li l-Qorti (i) issib t-testatriċi ommhom Rosanna Ellul ma kinetx f'qagħda tagħmel it-testment tat-28 ta' Jannar, 2010, fl-atti tan-Nutar Dr Daniel Caruana, u (ii) ssib li l-imsemmi testment huwa null u bla effett għall-finijiet tal-liġi u b'mod partikolari għall-finijiet tal-artikolu 597 tal-Kodiċi Ċivili, billi l-imsemmija Rosanna Ellul, meta għamlitu, kienet marida b'moħħha jew kienet daqshekk dgħajfa li kienet tagħmel kif jgħidilha ħaddieħor. Talbu wkoll l-ispejjeż;*
>
> *Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Lulju, 20131 , li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;*
>
> *Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-26 ta' Lulju, 2013, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi fil-mertu billi jgħidu li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu filwaqt li jiċħdu li t-testatriċi, fil-ħin meta għamlet it-testment, kienet inkapaċi li tagħmlu jew li kienet tbati minn xi mard tal-moħħ. Jgħidu wkoll li din l-azzjoni nfetħet b'pika u vendikazzjoni wara li l-imħarrka Angela Ellul fetħet kawża biex l-atturi jpoġġuha fil-pussess tal-legat imħolli lilha fl-istess testment minnhom attakkat;*

*…omissis…*

*Ikkonsidrat: Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta' testment pubbliku minħabba l-inkapaċita` ta' min għamlu. L-atturi jgħidu li l-aħħar testment li għamlet ommhom ma jiswiex għaliex, dakinhar li għamlitu, hija kienet milquta minn mard f'moħħha jew kienet daqstant dgħajfa li tagħmel kulma jgħidilha ħaddieħor. Iridu li l-Qorti ssib li ommhom it-testatriċi kienet tabilħaqq milquta minn xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet u li għalhekk issib li t-testment imsemmi ma jiswiex u jmissu jitħassar;*

*Illi l-imħarrkin iwarrbu il-pretensjonijiet tal-atturi billi jiċħdu x-xiljiet tagħhom u jgħidu li ommhom baqgħet f'sensiha sa l-aħħar. Kienet fl-aħħar ftit xhur li ma baqgħetx toħroġ mid-dar, u l-aħħar testment resqet għalih għaliex riedet hi u mhux għax kienet imġegħla. Jgħidu wkoll li l-atturi ma ridux ipoġġu lill-imħarrka Angela Ellul fil-pussess tal-legat imħolli lilha fl-aħħar testment, tant li kellha tiftaħ proċeduri kontrihom, u kien wara l-ftuħ ta' dawn il-proċeduri li l-atturi pproċedew kontra tagħhom b'din il-kawża;*

*<u>Illi mill-fatti li jirriżultaw mill-atti</u> joħroġ li l-partijiet huma lkoll aħwa wlied it-testatriċi Rosanna Ellul imwielda Magro u Mattew Ellul. Il-missier miet testat f'Jannar tal-1992. Il-wirt tiegħu kien regolat b'testment unica charta tal-1 ta' Novembru, 1985, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin. Id-denunzja tas-suċċessjoni tiegħu saret mill-imsemmi Nutar f'Marzu tal-1993;*

*Illi wara li romlot, Rosanna Ellul għamlet testment fil-15 ta' Marzu, 1993, fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin, li bih ħassret kull testment li hija kienet għamlet qabel matul ħajjitha u ħalliet is-sehem ta' binha Ġużeppi lil oħtu (l-imħarrka) Sapienza Ellul dment li tibqa' tieħu ħsiebu sa mewtu, minħabba li ma kienx f'qagħda li jieħu ħsieb ħwejġu, jew, fil-każ li l-legatarja ma tkunx trid jew tista' tieħu ħsiebu, l-istess legat jgħaddi għand bintha l-oħra (l-imħarrka) Maria Lourdes Abela. F'kull każ, il-legatarja jkollha wkoll sehem bi prelegat ta' wieħed minn tmintax-il (1 /18) parti mill-wirt tagħha fi proprjeta` sħiħa. Mill-bqija, ħatret b'werrieta tagħha universali u f'ishma ndaqs bejniethom lill-partijiet fil-kawża;*

*Illi Rosanna Ellul reġgħet għamlet testment ieħor tnax-il (12) sena wara, fit-22 ta' Awwissu, 2005, fl-atti tal-istess Nutar Pubbliku, li bih bidlet il-prelegat imħolli favur min jibqa' jieħu ħsieb binha Ġużeppi, billi ħallietu fis-seħħ fir-rigward ta' bintha Sapienza Ellul biss u neħħiet minnu lil bintha Maria Lourdes Abela;*

*Illi fit-28 ta' Jannar, 2010, Rosanna Ellul għamlet it-testment mertu tal-kawża, meta kellha disgħin (90) sena. It-testatriċi, mgħejjuna minn tnejn mill-imħarrkin, Angela u Sapienza Ellul, dehret fuq testment quddiem in-Nutar Daniel Caruana u għamlet tibdiliet lit-testmenti tagħha fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin. Il-bidla ewlenija fit-testment tas-*

*sena 2010, meta mqabbel ma' dak tas-sena 1993, tirriżulta li hija l-prelegat di cosa altrui li ħalliet liż-żewġt uliedha Angela u Sapienza Ellul fir-rigward tal-garaxx u kmamar, flimkien mar-raba' li jinsab quddiem u wara l-istess immobbli, li jifformaw parti minn għalqa magħrufa bħala "Tal-Fulija" li tinstab fi Triq iż-Żurrieq, fil-Qrendi. Mill-bqija, ikkonfermat id-dispożizzjonijiet testamentarji tagħha fit-testment tal-15 ta' Marzu, 1993, imma ma semmietx it-testment tal-2005, u riedet li l-wirt tagħha jkun regolat bl-imsemmija żewġ testmenti;*

*Illi t-testatriċi mietet sentejn wara, fl-Isptar Mater Dei fil-bidu ta' Mejju tal-2012, meta kienet qorbot it-tnejn u disgħin (92) sena, u fejn kienet rikoverata sa mit-30 ta' April;*

*Illi n-Nutar Caruana xehed li l-appuntament biex it-testatriċi tbiddel it-testment sar minn waħda miż-żewġ uliedha mħarrkin, Angela jew Sapienza Ellul. L-istess Angela u Sapienza Ellul baqgħu ma' ommhom waqt li kien qed isir it-testment, u li t-testatriċi ma oġġezzjonatx għal dan għaliex, fi kliemha, kienu huma li kienu qed iduru biha. Jgħid li meta dehret quddiemu kienet f'sensiha u kienet hi li qaltlu xi xtaqet li jinbidel fit-testment. Jgħid ukoll li ra ċertifikat mediku, iżda ma hemżux mat-testment;*

*Illi l-atturi jgħidu li saħħet ommhom kienet ilha numru ta' snin sejra lura, u dan sa mis-sena 2005. Jgħidu wkoll li fiż-żmien meta sar it-testment, it-testatriċi mhux talli ma kinetx toħroġ mid-dar, iżda kienet mixħuta f'sodda u saħansitra kienu jiġu waqtiet li ma kinetx tagħrafhom meta kienu jżuruha. Minħabba li l-vista kienet qed tħalliha, kienet ta' spiss titgerbeb jew taqa'. Jgħidu wkoll li ommhom kienet tbati mid-dimenza jew kienet thewden fuq ħwejjeġ jew ġrajjiet tal-imgħoddi bħallikieku kienu qegħdin jiġru dakinhar;*

*Illi t-tobba li assistew lit-testatriċi għal numru ta' snin qabel ma mietet jgħidu li t-testatriċi kellha nuqqas ta' mobilita' u li, fil-fehma tagħhom, ma kinetx f'qagħda li tagħmel testment. Jgħidu li ma ntalabx minn uliedha test mediku li jiċċertifika li t-testatriċi kellha l-kundizzjoni tad-dimenza u huma qatt ma għamluh. Mal-mogħdija tas-snin, l-orjentazzjoni tat-testatriċi aggravat, u għalkemm kien ikun hemm waqtiet fejn kienet tkun f'sensiha, dawn il-waqtiet kienu jkunu qosra. Jgħidu wkoll li qatt ma ħarġu ċertifikat mediku f'isem it-testatriċi għall-għanijiet ta' kapaċita` li tista' tagħmel testment;*

*Illi min-naħa l-oħra, l-imħarrkin jgħidu li ommhom baqgħet f'sensiha sa l-aħħar, u kienet biss fl-aħħar ftit xhur li ma baqgħetx toħroġ mid-dar. Jiċħdu wkoll li kellha d-dimenza. Iżidu li t-testatriċi kienet taf tikteb u taqra, iżżomm l-appuntamenti tal-visti li kellha l-isptar, tieħu ħsieb ta' flusha, iżda mhux tali li kienet tħobb toħroġ;*

*Illi nies oħra li kienu jafu lit-testatriċi fl-aħħar snin ta' ħajjitha jgħidu li kienu jarawha fuq riġlejha ġewwa d-dar jew barra mid-dar meta kienet toħroġha bil-karozza l-imħarrka Angela Ellul. Jgħidu li naqqset mill-ħruġ*

*minħabba l-eta` tagħha, u li meta kienu jżuruha kienet tagħrafhom u tkellimhom. Kienet biss lejn l-aħħar xhur ta' ħajjitha illi kienet spiċċat fis-sodda;*

*Illi filwaqt li fid-dokumentazzjoni maħruġa mill-'CommCare Unit' f'Awissu tas-sena 2011, joħroġ ċar li t-testatriċi kellha problemi marbuta man-nuqqas ta' mobilita', min-naħa l-oħra, jirriżulta li f'Novembru tal-istess sena, it-testatriċi ġiet sottoposta għal eżamijiet fl-isptar minħabba kundizzjoni marbuta mad-dimenza;*

*Illi l-imħarrka Maria Lourdes Abela tgħid li ommha t-testatriċi, anke lejn l-aħħar ta' ħajjitha, meta kienet mardet serjament, kienet qaltilha li bintha Angela kienet ser tkun ippreferuta aktar mill-aħwa l-oħra;*

*Illi fit-28 ta' Mejju, 2013, l-imħarrka Angela Ellul ipproċediet bil-ftuħ ta' kawża kontra l-atturi quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta), sabiex ipoġġuha fil-pussess tal-legat imħolli lilha mit-testatriċi fit-testment tat-28 ta' Jannar, 2010;*

*Illi fl-24 ta' Ġunju, 2013, l-atturi fetħu din il-kawża;*

*Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis il-kwestjoni fil-mertu. Il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali huma marbutin mal-għemil tat-testatriċi fiż-żmien meta resqet biex tagħmel testment, li l-atturi qegħdin jattakkaw għaliex jgħidu li ma kinitx tinsab f'qagħda li tista' tagħmel dak it-testment minn rajha. L-atturi jsejsu l-każ tagħhom fuq żewġ possibilitajiet: jew li t-testatriċi ommhom ma kinetx f'sensiha fiż-żmien tat-testment, bir-riżultat li t-testment huwa null; jew li kienet ta' rieda dgħajfa tant li kienet tagħmel kulma jgħidilha ħaddieħor, u għalhekk dak li nkiteb ma kienx juri r-rieda tagħha. Minn naħa l-oħra, l-imħarrkin jiċħdu dan kollu u jgħidu li ommhom baqgħet f'sensiha sal-aħħar u li dak li nkiteb fit-testment kien jixhed ir-rieda testamentarja tagħha;*

*…omissis…*

*Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi jsejsu l-każ tagħhom fuq ix-xhieda mogħtija miż-żewġ tobba illi kienu jikkuraw lit-testatriċi qabel u wara li sar it-testment. Fix-xhieda tagħhom, huma jitfgħu dubju qawwi fuq kemm tabilħaqq it-testatriċi setgħet kienet luċida fil-ħin meta resqet quddiem in-Nutar u sar it-testment. Dan jgħiduh minħabba l-fatt li t-testatriċi, għalkemm qatt ma sarilha ezami biex jiġi ċertifikat li tabilħaqq kienet tbati mill-kundizzjoni tad-dimenza, kienet turi sintomi marbuta ma' din il-kundizzjoni. L-istess tobba jgħidu wkoll li, fiż-żmien meta sar it-testment, it-testatriċi ma kinetx toħroġ mid-dar, u saħansitra kienet mixħuta f'qiegħ ta' sodda. L-atturi ressqu 'l quddiem ukoll l-argument li n-Nutar li ippubblika t-testment mexa mingħajr ċertifikat mediku, minkejja li l-persuna li kellu quddiemu kienet ta' disgħin sena, kif ukoll li d-dokumentazzjoni medika miżmuma fl-Isptar Mater Dei turi li t-testatriċi kienet tbati minn dik il-kundizzjoni. Waqt li għamlu l-kontro-eżami tan-Nutar, saru mistoqsijiet li saħansitra jixhdu li l-atturi kellhom*

*dubju dwar kemm it-testment tassew sar fl-uffiċċju tal-istess nutar u mhux fid-dar ta' ommhom;*

*Illi l-imħarrkin, min-naħa l-oħra, jistrieħu fuq dak li ġie miktub min-Nutar fit-testment, li t-testatriċi "tinstab kapaċi biex tagħmel dan it-testment", kif ukoll fuq ix-xhieda tal-istess Nutar li jisħaq li meta dehret quddiemu, għalkemm daħlet assistita minn uliedha (u fil-preżenza tagħhom, għaliex hekk riedet), ħa l-impressjoni li t-testatriċi kienet qiegħda tifhem x'kien għaddej madwarha, u esprimiet ix-xewqat tagħha. Jistrieħu wkoll fuq ix-xhieda ta' numru ta' persuni li ġew f'kuntatt mat-testatriċi lejn l-aħħar snin ta' ħajjitha, li lkoll jgħidu li kienet tagħrafhom u tkellimhom u li kien biss fl-aħħar xhur qabel ma mietet li nxteħtet f'sodda;*

*Illi l-Qorti jidhrilha li għas-soluzzjoni tal-każ li tressaq quddiemha jixraq ħafna li tqis sewwa x-xhieda tan-Nutar li ippubblika t-testment attakkat. Din l-għażla hija determinata l-aktar mil-linja ewlenija tal-każ tal-atturi li jixlu lil ommhom b'kundizzjoni partikolari li huma jisħqu li kienet tagħmilha inkapaċi li tagħmel testment, fid-dawl tax-xhieda mogħtija minn xi wħud mit-tobba kuranti tagħha wara li mietet. Huwa prinċipju aċċettat li "Fattur determinanti sabiex tiġi stabbilita s-sanita' mentali tat-testatur hija r-raġjonevolezza tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fit-testment. Huwa relevanti l-eżami tal-fatt jekk it-testment "e cosi' fatto da non riscontrarsi in esso alcun segno di stoltezza" u jekk "l'atto porta i caratteri della saggezza". Għandhom ukoll relevanza qawwija id-depożizzjonijiet ta' nies professjonali, bħat-tabib kuranti tat-testatriċi u n-Nutar li kkonfezzjona t-testement, dwar l-istat u l-komportament tat-testatriċi fiż-żmien relevanti. "Sebbene non costituisce l'asserto del notaro che il disponente era sano di mente, da se', la prova della capacita' mentale del testatore, tuttavia le constatazioni del notaro ottenuto all' oggetto di accertarsi della capacita' a testare del disponente forniscono un importante elemento di prova che, unito ad altri, puo' condurre ad un esatto giudizio sul problema da risolvere.." [1]*

*Illi l-Qorti tagħraf li l-kundizzjoni li l-atturi jgħidu li kienet ta' impediment biex ommhom setgħet tagħmel it-testment attakkat – jiġifieri d-dimenza jew telf ta' memorja – kienet kundizzjoni li ma kinitx minn dejjem. Huma ressqu din il-kawża dwar it-testment li hija għamlet fl-2010 u ma jidher li għandhom l-ebda diffikulta' dwar il-kapaċita` mentali ta' ommhom biex għamlet it-testment ta' Marzu 1993 (wara li kienet romlot) u lanqas dak ta' Awwissu tal-2005. Fit-tieni lok, il-kundizzjoni imsemmija ma hijiex waħda li laqtet lit-testatriċi mill-ewwel u b'mod li ma jiqafx: tressqet xhieda li turi li Rosanna Ellul kienet bdiet tħossha mikduda wara li bdiet titlef il-vista minn għajnejha wara li għamlet l-operazzjoni tal-katarretti f'Marzu tal-2006 u dik l-operazzjoni ma rnexxietx. Minkejja dan, ix-xhieda kollha juru li hija kien ikollha fażijiet imtennija li tkun taf xi trid, x'qed isir u x'ikun għaddej minn għaliha. Kienet tagħraf ukoll min kien waqaf magħha u min kien inqata' minnha. Xhieda minn tobba u*

[1] P.A. NC 5.10.2004 fil-kawża fl-ismijiet Pawlu Farruġia vs Carmelo Farruġia et (mhix appellata)

*personal ieħor li nġab biex jikkuraha f'darha turi li hija kienet twieġeb għad-direzzjonijiet li tingħata u li baqgħet tirrispondi sa dakinhar li ttieħdet l-isptar l-aħħar darba erbat ijiem qabel mietet;*

*Illi għall-Qorti dan kollu jfisser li, kienet x'kienet il-qagħda tal-kundizzjoni tat-testatriċi, kważi kulħadd jaċċetta li kienet baqgħet tagħraf x'inhu jiġri u kienet turi wkoll xi trid. Bit-tħaddim tar-regoli li ssemmew qabel, din il-kostatazzjoni titfa' fuq l-atturi l-piż li juru li ommhom ma kinitx taf x'qiegħda tagħmel dakinhar li sar it-testment jew fil-jiem ta' qabel u wara dakinhar. Il-Qorti tifhem li din hija biċċa xogħol iebsa li jridu jwettqu, għaliex mid-dehra ħadd minnhom ma kien magħha jew raha f'dawk il-jiem u lanqas biss kienu jafu li hija għamlet it-testment. Kemm hu hekk, kien biss jiem wara mewtha li ħareġ li kienet għamlet l-aħħar testment tagħha u kien minn hemmhekk li bdew jistħarrġu u jitkixxfu dwar il-każ;*

*Illi f'dan ir-rigward, l-awturi jgħidu li "non basta, dunque, provare che il testatore era in uno stato abituale di demenza; bisogna provare invece che la sua follia era senza lucido intervallo, vale a dire permanente. Se, al contrario, e' provato che il defunto aveva dei lucidi intervalli, egli e' certo che la prova della demenza abituale sarebbe insufficiente poiche' puo' avvenire che il testatore sia stato in un lucido intervallo nel momento in cui disponeva"[2]. Din hija bixra ta' ħsieb li l-Qrati tagħna laqgħu u ħaddmu konsistentement maż-żmien[3];*

*Illi x-xhieda mogħtija min-Nutar Daniel Caruana ta' min jaqraha sewwa. Huwa tressaq b'xhud tal-atturi u minnhom u jgħid li lit-testatriċi ma kien qatt iltaqa' magħha u ma kienx jafha qabel dakinhar li sar it-testment. Jgħid li twasslet fl-uffiċċju tiegħu mingħajr ma kien sar appuntament u li kienet akkumpanjata mill-imħarrkin uliedha Anġela u Sapjenza Ellul. Jgħid li kellimha (fil-preżenza ta' wliedha, għaliex hekk riedet) dwar x'kienet marret tagħmel għandu u kif wieġbet għal mistoqsijiet li kien għamlilha biex jara kinitx tassew taf fejn kienet u x'riedet. Ix-xhud jgħid li lit-testatriċi raha bħala bniedma li kienet f'qagħda li tagħmel it-testment. Jgħid ukoll li kienet hi li qaltlu li riedet tiddisponi minn biċċa mill-ġid bi ħlas għal dawk minn uliedha li kienu baqgħu jduru biha. Jgħid ukoll li baqgħet trid tagħmel hekk ukoll wara li qalilha li parti minn dak il-ġid ma kienx tagħha, imma kien jagħmel mill-ġid ta' żewġha li miet qabilha. Jgħid li hija serrħitlu moħħu li kien hemm ġid ieħor biex jagħmel tajjeb għall-werrieta u li hija ma riedet taqta' 'l ħadd minn uliedha mill-wirt tagħha. Ikkonferma li t-testment ippubblikah fl-uffiċċju tiegħu u mhux fid-dar tat-testatriċi u li mġibitha matul il-ħin li kien ippubblikat l-att kien ta' persuna normali li tmur tagħmel testment għandu. Meta xehed fil-kontro-eżami li sarlu mill-imħarrkin, tenna li dakinhar li sar it-testment ma kien hemm xejn x'seta` jindikalu li t-testatriċi ma kinitx fil-kapaċita` mentali li tersaq biex tagħmel it-testment, u jżid li kienet hi li ħarġet bis-suġġerimenti ta' dak it-testment;*

---

[2] Laurent <u>*Principii di Diritto Civile*</u> Vol XI, p. 112 Cfr ukoll Troplong <u>*Donazioni tra Vivi e Testamenti*</u> § 463

[3] **P.A. 23.11.1867** fil-kawża fl-ismijiet ***Farrugia vs Borg et*** (Kollez. Vol: IV.126) u P.A. JZM **2.5.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Busuttil et vs Joan Cortis*** (mhix appellata)

*Illi l-Qorti tqis l-imsemmija xhieda fid-dawl li, meta ntwera affidavit ta' tabib kuranti tagħha li xehed li, skond hu, it-testatriċi kienet tbati minn demenza, in-Nutar stqarr aktar minn darba li, kieku xi ħadd kien urih dak l-affidavit qabel ippubblika t-testment, ma kienx jippubblikah żgur. Dan ifisser li jekk Rosanna Ellul kienet tabilħaqq milquta minn waqtiet ta' dimenza, dawn ma kienu jidhru bl-ebda mod fil-ħin li marret għand in-Nutar biex tagħmel it-testment u, għall-kuntrarju, hi kienet tidher u ġabet ruħha bħala bniedma li ma kellhiex dik il-kundizzjoni. Jekk kienet f'waqt luċidu li saħansitra lanqas in-Nutar ma ntebah li kien hemm jew sata' kien hemm xi ħaġa mhux f'postha fit-testatriċi, dan ifisser li meta għamlet it-testment tagħha uriet li kienet taf x'qiegħed isir u xi trid li jsir u dan huwa biżżejjed biex it-testment li hija għamlet ikun jgħodd fil-liġi;*

*Illi wara li l-Qorti fliet sewwa l-argumenti mressqa mill-partijiet, ix-xhieda li ngħatat u d-dokumenti li tressqu quddiemha, tasal għal fehma illi l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw il-każ tagħhom li t-testatriċi ma kinetx f'sensiha dakinhar li sar it-testment u fiż-żmien marbut miegħu; Illi l-Qorti tqis li, minkejja x-xhieda mogħtija mit-tobba kuranti tat-testatriċi, il-fehmiet tagħhom li t-testatriċi kienet tbati mill-kundizzjoni tad-dimenza jirriżultawlhom biss minn eżamijiet li t-testatriċi qagħdet għalihom fl-Isptar f'Novembru tas-sena 2011, u għaldaqstant ma jippruvawx li t-testatriċi ma kinetx f'sensiha fiż-żmien tat-testment. Lanqas ma tista' toqgħod fuqhom ladarba, kif jistqarru fix-xhieda mogħtija minnhom, ma għamlu qatt eżamijiet xierqa biex jiddeterminaw b'mod kliniku l-eżistenza tal-kundizzjoni jew il-gravita' tagħha jew imqar irriferewha għal opinjoni medika speċjalizzata;*

*Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-atturi ma seħħilhomx iwettqu l-grad ta' prova mistenni minnhom bil-liġi biex iwassluha ssib li t-testment li għamlet ommhom f'Jannar tal-2010 ma kienx jiswa għar-raġunijiet imsemmijin minnhom, u b'hekk mhijiex sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi;*

*Illi dan ifisser ukoll li l-Qorti lanqas sejra tilqa' t-tieni talba attriċi li hija konsegwenzjali għall-ewwel talba u marbuta sfiq magħha;*

*Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:*

***Tiċħad t-talbiet attriċi** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;*

***Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin bħala mistħoqqa; u*

***Tordna** li l-atturi jħallsu l**-ispejjeż tal-kawża.**"*

## <u>Rikors tal-appell tal-atturi (27.04.2018):</u>

5. L-appell jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel

Qorti dwar il-kwistjoni ta' jekk it-testatriċi kinitx mentalment kapaċi li tagħmel it-testment li għamlet fit-28 ta' Jannar, 2010.

6. L-atturi appellanti jargumentaw li ladarba għaż-żewġ tobba kuranti ta' ommhom (Dr Raymond Sacco u Dr Bjorn Buhagiar) kien ċarissimu li hija kienet tbati bid-demenzja, u dan mingħajr il-ħtieġa li jagħmlu eżami appożitu, mela allura kien improbabbli li fil-mument tat-testment kienet luċida biżżejjed biex tagħraf li kienet qed tiddisponi minn ġidha. Isostnu li l-ewwel Qorti kellha tistrieħ fuq ix-xhieda imparzjali ta' dawn iż-żewġ tobba u mhux fuq il-verżjoni tal-fatti mogħtija min-Nutar Caruana li għandu interess li l-kawża tiġi deċiża kontra l-atturi *stante* li t-tħassir ta' testment ikun ifisser li sar nuqqas da parti tiegħu. Fil-fatt jissottolinjaw (i) il-fatt li ma annetta l-ebda ċertifikat mediku mat-testment, minkejja li t-testatriċi kellha kważi 90 sena, u (ii) il-fatt li ħalla lil Sapienza u Angela Ellul preżenti waqt li kien qed jiġi redatt it-testment, meta dawn kienu l-persuni li kienu ser jirċievu l-prelegat li kien jikkomprendi l-maggior parti tal-beni tagħha u ta' żewġha, ġialadarba ġie stipulat ukoll *legato di cosa altrui;*

7. Iżidu jgħidu li kull xhud jew dokument mediku li jista' jitfa' dawl fuq il-qagħda mentali u fiżika tat-testatriċi jikkonferma li ma kinitx kapaċi tagħmel testment u li ma setgħetx tkun luċida biżżejjed fil-ħin li ġie redatt biex tkun taf eżatt x'inhi tagħmel. Isostnu li fl-2010 kienet anzjana,

affettwata mid-demenzja, oltre mard fiżiku u mentali ieħor u li għalhekk il-konvenuti abbużaw mill-vulnerabilita` tagħha. Isostnu li l-volonta` reali tagħha hija espressa fit-testmenti tal- 1985, 1993 u 2005, ilkoll fl-atti tan-Nutar Darmanin, liema testmenti juru biċ-ċar li hija, u qabel anke żewġha, dejjem riedu li t-tfal ikunu l-eredi universali tagħha u jaqsmu kollox indaqs. Jaċċennaw għall-fatt li fl-2010 mhux talli ddisponiet minn ġidha imma saħansitra ħalliet *legato di cosa altrui.*

**<u>Risposta tal-appell tal-konvenuti appellati (22.05.2018):</u>**

8. Il-konvenuti appellati wieġbu biex jgħidu li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma, u li għalhekk l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrihom.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>**

9. L-ewwel Qorti aċċennat għall-insenjament tal-qrati nostrana f'azzjonijiet bħal din odjerna fejn l-istat mentali tat-testatur tkun in disputa, senjatament is-segwenti ħames prinċipji:

a. Il-preżunzjoni "*juris tantum*" hija li t-testatur kellu l-kapaċita` li jagħmel it-testment u għalhekk kwalunkwe allegazzjoni li t-testatur ma kellux tali kapaċita` trid tiġi pruvata b'mod xieraq;

b. Tkun inkapaċi milli tagħmel testment dik il-persuna li fiż-żmien tal-att ma tkunx f'sensiha, u l-inkapaċita` għandha tiġi ppruvata minn min irid iwaqqa' t-testment;

c. Biex persuna tkun kapaċi tagħmel testment mhux neċessarju li tkun perfettament u rigorożament sana minn moħħa, iżda hu biżżejjed li jkollha l-użu tar-raġuni fi grad tali li tkun taf x'inhi tagħmel;

d. Biex jiġi stabbilit li l-persuna ma kinitx f'sensiha jridu jirriżultaw indizji gravi;

e. Biex jitħassar testment irid jirriżulta b'mod ċert u minn fatti preċiżi li ma jħallu l-ebda dubju li l-inkapaċita` kienet teżisti fil-ħin li l-persuna kienet qed tagħmel l-att.

10. Kif osservat l-ewwel Qorti l-verżjonijiet tal-partijiet f'azzjoni bħal din ikollhom doża qawwija ta' apprezzament soġġettiv tal-fatti. Fil-fatt il-verżjoni li taw l-atturi hija li fiż-żmien tat-testment ommhom kienet milquta mid-demenzja u li lanqas kienet tagħraf lil uliedha; il-verżjoni tal-konvenuti *invece* hija li mhux minnu li kellha d-demenzja, u li żgur li kienet taf x'qed tagħmel meta sar it-testment.

11. Għalkemm l-ewwel Qorti kkunsidrat ix-xiehda tat-tobba kuranti tat-testatriċi, li minħabba s-sintomi ta' demenzja li kienet diġa turi fl-2010 tefgħu dubju qawwi fuq il-kapaċita` ta' Rosanna Ellul biex tagħmel it-testment in kwistjoni, ikkonkludiet li tali xiehda ma kinitx ta' min joqgħod fuqha ladarba l-istess tobba qatt ma għamlulha eżamijiiet biex jiddeterminaw b'mod kliniku l-eżistenza tal-kundizzjoni tad-demenzja, jew tal-gravita` tagħha. Aċċennat għall-fatt li l-kundizzjoni tad-demenzja rriżultat biss minn testijiet li sarulha l-isptar fl-2011 u allura rriteniet li dan ma jippruvax li ma kinitx f'sensiha fl-2010 meta għamlet it-testment. Qieset ukoll il-fatt li n-nutar li rrediega t-testment xehed li kien ra lit-testatriċi bħala bniedma li kienet f'qagħda li tagħmel testment. Ikkunsidrat għalhekk li anke jekk it-testatriċi kienet tabilħaqq milquta bil-kundizzjoni tad-demenzja fiż-żmien li sar it-testament, ma wriet l-ebda tali sintomi fil-mument li għamlitu, u għall-kuntrarju ġabet ruħha bħala bniedma li ma kellhiex tali kundizzjoni. Irriteniet li jekk minkejja l-allegata demenzja hija għamlet it-testment f'waqt ta' luċidita`, dan huwa biżżejjed biex it-testment jitqies bħala wieħed validu.

12. Din il-Qorti rat il-provi kollha prodotti, u fid-dawl tal-aggravju tal-atturi eżaminat b'reqqa partikolari x-xhieda tat-tobba kuranti tat-testatriċi kif ukoll tan-nutar li quddiemu sar it-testment, liema xhieda qiegħda tagħmel ampja referenza għaliha hawnhekk.

13. It-tabib Raymond Sacco, fl-affidavit tiegħu[4] qal li ilu jipprattika bħala tabib tal-familja għal 26 sena. Qal li Rosanna Ellul kienet pazjenta tiegħu u li kien jaraha kull xahrejn / xahrejn u nofs mill-2002 sad-29 ta' Ottubru, 2010. Spjega li ftit wara li kien beda jaraha hija tilfet id-dawl ta' għajn waħda riżultat ta' *Central Retinal Vein Thrombosis* u konsegwentement waqgħet f'dipressjoni kbira għaliex bdiet tibża' li ser tagħma mill-oħra. Qal li kienet bdiet tgħid li qed tara nies id-dar mexjin b'fanal u li xi ħadd qed jipprova jisraqha. Qal li tali kundizzjoni aggravat fl-2005/2006, u imbagħad fl-2009 intefgħet kompletament fis-sodda u sfat inkontinenti tant li kienu jagħmlulha l-ħrieqi. Qal li l-problemi psikoloġiċi tagħha bdew jaggravaw minn vista għal vista. Kompla hekk:

> *"Hija minn dan iż-żmien 'l hawn ossija meta hija intefgħet fis-sodda kompletament, ma kinitx iktar f' pożizzjoni biex hija tesprimi b'mod liberu l-volonta` tagħha testamentarja u dan mill-2009 'il quddiem, u dan ngħidu għaliex hija kienet inkoerenti, konfuża u jekk nistaqsiha fuq xiex nistaqsiha, hija kienet biss tirrispondini fuq il-vista.*
>
> *Illi għalkemm jiena m'għamiltx mental state examination ta' Rosanna Ellul, kien jidher biċ-ċar illi hija ma kinitx kapaċi tesprimi l-volonta` tagħha għax kienet diżorjentata u mhux luċida.*
>
> *Illi jiena rajtha l-aħħar darba fid-29 ta' Ottubru 2010 meta ġejt imsejjaħ minn bintha Gulina Ciappara biex immur nara lil ommha fid-dar tal-anzjana l-Qrendi. Wara sirt naf li Rosanna Ellul mietet fit-2012."*

14. Kontro-eżaminat[5] qal li qatt ma kien intalab jagħmel *mental state examination* ta' Rosanna Ellul, pero` qal li mhux darba jew tnejn fl-aħħar sena jew tnejn li kien raha kienu jridu jgħidulha darba, tnejn, tlieta li huwa

[4] Affidavit datat 19.09.2012 tat-tabib Raymond Sacco, Dok PE2, fol 22-23
[5] Kontro-eżami tat-tabib Raymond Sacco, 21.05.2014, fol 134 et seq

t-tabib għaliex ma kinitx tagħrfu. Kompla hekk:

> *"Ġieli semmiet ukoll xi hallucinations, li tara lil xi ħadd dieħel mill-ventilatur jew xi ħadd miexi bil-fanal. Dawn flimkien ma central retinal thrombosis jagħtuk indikazzjoni li ċ-ċirkolazzjoni tal-moħħ hija daqsxejn batuta."*

15. Mistoqsi jekk meta kien ikellimha kinitx tkellmu, wieġeb fl-affermattiv, pero` ppreċiża li ma kinitx tgħidlu "*full sentences*", pero` kienet tobdi "*simple commands*" fis-sens li jekk jgħidilha biex tisgħol kienet tisgħol.

16. Ri-eżaminat u mistoqsi dwar il-mumenti ta' luċidita`, wieġeb li kienet tkun luċida għal ftit ħin, "*ejja ngħidu anke ħames minuti – ħames minuti, kwarta l-iżjed".*

17. <u>It-tabib Bjorn Buhagiar</u> xehed[6] li Rosanna Ellul kienet pazjenta tiegħu u jiftakar li beda jaraha meta beda jaħdem privat għall-ħabta tal-2007/2008. Qal li dak iż-żmien kienet diġa' prattikament fis-sodda u s-sitwazzjoni dejjem aggravat. Qal li kellha problemi ta' demenzja u ta' mobilita`, fil-fatt ma kinitx tista' timxi. Enfasizza li sa mill-bidu nett li beda jaraha nnota li ma kellhiex orjentazzjoni:

> *"Mill-bidu nett meta kont rajtha bħala orjentazzjoni tagħha, meta ngħid "orjentazzjoni" jiġifieri għall-post u għall-ħin u għall-persuna bażikament; għall-ħin ma kellhiex orjentazzjoni. Bħala post "so and so" kienet tkun, ġieli tajba u ġieli le. Bħala persuna jekk tgħidiliha per eżempju "ara ġie t-tabib" tħares lejk u tinduna li bħala persuna ġie t-tabib. Imma jekk ikolli nerġa' mmur per eżempju darb' oħra jew hekk mhux ser tagħrafni li jiena*

[6] Xiehda tat-tabib Bjorn Buhagiar quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, 06.03.2014, fol 114 et seq

*kont it-tabib li mort qabel."*

18. Mistoqsi jekk fl-2010 is-sitwazzjoni kinitx marret għall-agħar irrisponda fl-affermattiv. Qal li lit-tfal tagħha fil-fatt ma kinitx tagħrafhom, u lanqas kellha orjentazzjoni tal-ħin u tal-post. Mistoqsi jekk kienx għamlilha *mental state examination* irrisponda fin-negattiv iżda qal li milli kien jara ma kellux għalfejn jagħmilulha. Mistoqsi jekk fl-2010 kinitx kapaċi tagħmel ċertu atti ċivili bħal testment wieġeb "*Fl-2010 le, ma naħsibx."*

19. Kontro-eżaminat qal li meta kien jinvistaha ma kinitx tkun orjentata *"fully".* Mistoqsi jekk kienx ikun hemm mumenti meta kienet tkun mentalment kapaċi u tifhem x'qed jiġri madwarha wieġeb hekk:

> "*Meta kont naraha jien qatt ma kien hemm dawk il-mumenti. Issa d-dimensja ħafna drabi li jiġri, għall-bidu tkun iktar tajjeb milli ħażin, u dejjem il-fażijiet dejjem jixxiftjaw, fis-sens li imbagħad iktar tiġi ħażin milli tajjeb. Fil-livell kif kienet fit-2010 ma naħsibx li kienet tkun daqshekk tajba. Jekk kien ikun hemm mumenti forsi mumenti żgħar ħafna – ta' ftit minuti; dak it-tip, kemm per eżempju forsi tgħid "din min hi?" u tagħrafha li hi Angela per eżempju. Jew tagħrafha li dan; imma imbagħad jekk terġa' ssaqsiha xi ten minutes wara kapaċi tgħidlek…"*

Mistoqsi in ri-eżami jekk f'dawk il-ftit minuti ta' luċidita` kinitx kapaċi tagħraf art u tħalliha lil persuna partikolari, wieġeb "*Le, ma naħsibx."* Xehed li "b'luċida" jfisser li kienet tagħraf xi persuna.

20. F'kontro-eżami ulterjuri[7] kkonferma li kien ilu jara lil Rosanna Ellul sa mill-2007/2008. Mistoqsi dwar meta xehed li ma jaħsibx li kienet kapaċi tagħmel atti ċivili qal li bħala żmien kien qed jirreferi għall-2010 'il quddiem.

21. <u>In-nutar Daniel Caruana</u> tressaq jixhed mill-atturi. Fix-xiehda tiegħu[8] qal li lil Rosanna Ellul ma kienx jafha. Qal li xi żmien qabel ma sar it-testment kienet kellmitu Sapienza Ellul dwar prokura u kien talabha tippreżenta ċertifikat tat-tabib. Spjega li għalkemm kienu ġabulu tali ċertifikat dakinhar tat-testment, kien iċ-ċertifikat li kien "*intuża għall-iskop tiegħu".* Fil-fatt ma annettihx mat-testment (għaliex ma kienx sar għall-finijiet tat-testment).

22. Mistoqsi dwar il-kontenut tal-affidavit tat-tabib Sacco, senjatament fejn qal li kienet tbati mid-demenzja, qal li mhux ser imeri dak li hemm, iżda qal li huwa jara l-persuna kif tirreaġixxi. Huwa enfasizza li jekk tiġi persuna quddiemu li ma titkellimx jew li turi diffikulta` biex tesprimi ruħha ma kienx ser ikun lest li jippubblika t-testment tagħha. Xehed li lil Rosanna Ellul kellimha fil-preżenza taż-żewġ uliedha u li għalkemm kien staqsiha jekk riditx tkellmu waħedha, hija ma kellha l-ebda diffikulta` li tkellmu fil-preżenza tagħhom. Huwa qal li kienet Rosanna Ellul stess li qaltlu kif riedet tiddisponi minn ġidha:

[7] Xiehda mogħtija fil-05.06.2014, fol 154 et seq
[8] Xiehda tan-nutar Daniel Caruana 22.11.2013, fol 57 et seq

> *"…meta qaltli li xtaqet li tiddisponi minn ġidha b'dak il-mod b'dawk il-proprjetajiet partikolari tagħha, l-ewwel ħaġa li għidtiliha illi ma setgħetx tiddisponi minn dak is-sehem li ma huwiex tagħha, għax dak huwa tal-werrieta. Min-naħa tagħha hi kompliet tinsisti illi hekk xtaqet illi tagħmel. Jiena spjegajtilha illi biex tagħmel hekk trid tagħmel dik id-dikjarazzjoni fejn hija tiddikjara illi hi taf illi l-proprjeta` mhix kompletament tagħha għax kienet tal-komunjoni tal-akkwisti, u allura mal-mewt ta' żewġha s-sehem tiegħu għadda fuq il-werrieta li kienu uliedu fi kwoti indaqs bejniethom…… u ħaġ' oħra li rrid ngħid ukoll, għax din hija importanti, ħa nżidha, wara li hija ddikjarat illi hekk riedet tiddisponi minn ġidha, jiena staqsejtha jekk hemmx biżżejjed proprjeta` biex l-oħrajn jieħdu almenu b'mod ġust sehem fil-proprjetajiet l-oħrajn u ….hija assiguratni iva li hemm biżżejjed proprjeta` l-oħrajn x' igawdu. U tatni x' nifhem anzi, li wara rriżulta li ma kienx hekk, illi dawn il-proprjetajiet kważi kienu l-inqas fil-valur (biex ngħidu hekk)."*

23. Kompla jgħid pero` li wara li mietet kellmuh l-aħwa l-oħra u skont huma l-proprjeta` kienet kważi kważi l-iktar proprjeta` li fiha valur. Mistoqsi għalhekk jekk illum, "*in hindsight*" kienx jagħmlu t-testment wieġeb "*Le ma kontx nagħmlu, ma kontx nagħmlu".*

24. Kompla jgħid li kienet assiguratu li ż-żewġ proprjetajiet in kwistjoni kienu l-inqas fil-valur u li *"speċi ta' kienet qed tħallihom bħala kumpens biex tħallilhom xi ħaġa aktar għal serviġi*…". Fuq domanda tal-avukat li l-intendiment kien li tħalli lil uliedha ndaqs u li tikkompensa lil Sapienza u Angela talli jduru biha, wieġeb fl-affermattiv. Kompla jgħid li ma tatux l-impressjoni li xtaqet taqta' barra lill-kumplament ta' wliedha biex tagħti benefiċċju lil dawn it-tnejn. Enfasizza li kienet qaltlu li hemm biżżejjed raba' u bini ieħor biex l-oħrajn jieħdu b'mod ugwali. Fuq kumment tal-avukat tal-atturi "*Effettivament ma kien hemm xejn. Dawn kienu l-uniku żewġ proprjetajiet li kellha",* ix-xhud wieġeb "*Hekk hu. U tapprezza l-fatt li*

*jiena qgħadt fuq l-informazzjoni li tatni hi".*

25. Baqa' jsostni li meta pprezentat ruħha quddiemu kienet kapaċi tikkomunika:

> *"Li nista' ngħid żgur hu illi meta pprezentat ruħha quddiemi, ehe kienet tikkomunika, u mhux kif qal Dr Debono li din kienet tħares lejk, tiċċassa. Almenu lili kellmitni. Jiena nista' nitkellem fuq dak il-perjodu – fuq dak il-ħin meta hi kienet qegħda prezenti tagħmel it-testment."*

26. In-nutar Caruana reġa' ttella jixhed[9] u sostna li Rosanna Ellul ma mmanifestat xejn li seta' jindikalu li ma kinitx kapaċi tagħmel testment. Qal li dehret li kienet qed tifhmu. Qal ukoll illi li kieku kien jaf bil-kondizzjoni li qalu li kellha t-tobba tagħha "*ma kontx nagħmel dak it-testment".* Pero` sostna li meta ġiet għandu seta' kien mument meta kienet luċida. Qal li kienet hi li qaltlu x'riedet tħalli u ma kienx il-każ fejn uliedha tkellmu għaliha.

27. Kif wieħed jista' jara, l-verżjonijiet tat-tobba jikkontrastaw ferm mal-verżjoni mogħtija min-nutar. It-tobba xehdu li t-testatriċi kienet tbati minn demenzja u li għalkemm jista' jkun li kienu jiġuha mumenti ta' luċidita` kienu mumenti qosra, u li kienu tal-fehma li ma kinitx kapaċi tagħmel testment; <u>in-nutar</u> *invece* jagħti x'jifhem li kellu konverżazzjoni normali mat-testatriċi daqs li kieku kellu klijent kwalsiasi għall-ħin kollu li damet quddiemu u li spjegatlu b'mod ċar u koerenti dak kollu li riedet tniżżel fit-

[9] Xiehda tan-nutar Caruana, 05.06.2014, fol 160 et seq

testment.

28. Din il-Qorti m'hijiex konvinta mill-verżjoni li ta n-nutar meta tikkunsidra dak li xehdu t-tobba. Il-Qorti tosserva kif:

(a) L-attriċi kienet pazjenta tat-tobba Sacco u Buhagiar li taw stampa ċara f'liema kundizzjoni prekarja kienet fiha Rosanna Ellul.

(b) Il-verżjonijiet mogħtija mit-tobba kuranti tat-testatriċi jikkorroboraw lil xulxin. Iż-żewġ tobba jaqblu li kienet tkun diżorjentata, u li kienet tkun luċida għal mumenti ta' ftit minuti biss, u li ma kinitx f'pożizzjoni li tesprimi l-volonta` testamentarja tagħha.

(c) In-nutar ikkonferma li t-testatriċi qaltlu li kien hemm biżżejjed raba' u bini biex l-aħwa jieħdu b'mod ugwali, u li dak kien l-intendiment. Pero` bħala fatt ma kienx hemm, kif ikkonferma n-nutar waqt id-depożizzjoni. Ċirkostanza li tkompli ssaħħaħ il-fehma tal-Qorti li t-testatrici ma kinitx taf x'qed tgħid jekk lin-nutar qaltlu hekk.

(d) In-nutar xehed illi kieku kien jaf li ma kienx hemm ġid ieħor ma kienx jagħmel it-testment. Ma jirriżultax li n-nutar staqsa lit-testatrici biex tgħidlu x'ġid ieħor kien hemm. Domanda li l-Qorti tistenna li kellu

jagħmel jekk kif qal hu, ma kienx jagħmel it-testment kieku kien jaf li m'hemmx ġid ieħor.

(e) Verament jistona l-fatt li għall-prokura li għamlet Rosanna Ellul, in-nutar kien talab ċertifikat mediku, filwaqt li ma jirriżultax li talab ċertifikat mediku għat-testment. Tant hu hekk li n-nutar stess qal li dakinhar tat-testment tawh l-istess ċertifikat, m'għamilx użu minnu għaliex ma kienx sar għal dak l-għan.

(f) Mhux verosimili li persuna fil-kundizzjoni li spjegaw it-tobba tkun kapaċi tagħti lin-nutar deskrizzjoni tant dettaljata tal-proprjeta` kif imniżżla fit-testment.

29. Din il-Qorti hija moralment konvinta li meta Rosanna Ellul għamlet it-testment ma kellhiex idea tal-implikazzjonijiet ta' dak li kienet qiegħda tagħmel u li fil-vulnerabilita` tagħha kienet sempliċi strument f'idejn uliedha Sapienza u Angela li ħaduha għand in-nutar għall-interessi tagħhom. Il-Qorti żżid:

a. Meta Sapienza u Angela Ellul akkompanjaw lil ommhom ta' disgħin sena għand in-nutar biex tagħmel testment ħadu magħhom ċertifikat mediku li kien intuża preċedentement għall-finijiet ta' prokura, liema ċertifikat fil-fatt in-nutar ma annettihx mat-testment ladarba ma kienx

sar għall-finijiet tat-testment. Sapienza u Angela Ellul kellhom ikunu jafu li ma kellhomx jużaw tali ċertifikat;

b. Permezz tat-testment in kwistjoni, Sapienza u Angela Ellul, li kienu preżenti waqt li kien qed jiġi redatt it-testment, ġew li ggwadanjaw bil-bosta[1] u dan a skapitu ta' ħuthom l-oħra;

c. Meta kienet qed issemmi li hemm biżżejjed proprjeta` oħra għal uliedha l-oħra, uliedha Sapienza u Angela baqgħu siekta u ma jirriżultax li ġibdu l-attenzjoni tan-nutar li dak li kienet qed tgħid ommhom ma kienx minnu. Dan fih innifsu hu indizju tal-modus operandi tal-aħwa li kienu ser jibbenefikaw minn dak it-testment.

---

[1] It-tliet artikoli tat-testment jaqraw hekk:

***"L-ewwel Artikolu***
*It-testatriċi qed tħalli b'titolu ta' prelegat lil bintha Angela Ellul gia mart Anthony Ciappara in piena u assoluta proprjeta` il-garaxx formanti parti mill-għalqa magħrufa "tal-Fulija" li tinsab il-Qrendi f' Żurrieq Road. Dan il-garaxx jinkludi wkoll il-porzjoni raba li tiġi eżatt warajh kif ukoll ir-raba li tinsab quddiemu.*

***It-tieni Artikolu***
*It-testatriċi qed tħalli b'titolu ta' prelegat lil bintha Sapienza Ellul in piena u assolut proprjeta` il-kmamar formanti parti mill-għalqa magħrufa "tal-Fulija" li tinsab il-Qrendi f' Żurrieq Road, U liema kmamar huma kontigwi mal-garaxx imsemmi fl-artikolu preċedenti. Dawn il-kmamar jinkludu wkoll il-porzjoni raba li tiġi eżatt warajhom kif ukoll ir-raba li tinsab quddiemhom.*

***It-tielet Artikolu***
*Għal kull buon fini u effett tal-liġi t-testatriċi tiddikjara illi taf li l-proprjeta` immobbli mħollija b'titolu ta' prelegat lil uliedha Angela Ellul u Sapienza Ellul in forza tal-preżenti testment ma tappartjenix lilha fl-interessa tagħha peress li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti gia eżistenti bejnha u bejn il-mejjet żewġha Matteo Ellul iżda xorta waħda trid u tordna li dan il-prelegat għandu jiġi konsegwit per intero mill-prelegatarji kif fuq istitwiti minnha.*

*Salv id-dispożizzjonijiet preċedenti t-testatriċi tiddikjara li tikkonferma, kif fil-fatt qegħda tagħmel, il-preċitat testment tagħha fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin tal-ħmistax ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tlieta u disgħin (15.03.1993) u trid u tordna li dana t-testment flimkien ma' dan tal-lum it-tnejn għandhom ikollhom saħħa u effett."*

30. Din il-Qorti hija moralment konvinta li meta Rosanna Ellul għamlet it-testment ma kellhiex idea tal-implikazzjonijiet ta' dak li kienet qiegħda tagħmel u li fil-vulnerabilita` tagħha kienet sempliċi strument f'idejn uliedha Sapienza u Angela li ħaduha għand in-nutar għall-interessi tagħhom. Din il-Qorti f'dan ir-rigward taċċenna partikolarment għas-segwenti fatti:

*a.* Meta Sapienza u Angela Ellul akkompanjaw lil ommhom ta' disgħin sena għand in-nutar biex tagħmel testment ħadu magħhom ċertifikat mediku li kien intuża preċedentement għall-finijiet ta' prokura, liema ċertifikat fil-fatt in-nutar ma annettiehx mat-testment ladarba ma kienx sar għall-finijiet tat-testment. Sapienza u Angela Ellul kellhom ikunu jafu li ma kellhomx jużaw tali ċertifikat. Wieħed neċessarjament jistaqsi x'kienet ir-raġuni għaliex dakinhar li sar it-testment ma ħadux ċertifikat mediku magħmul appożitament għat-testment u ppruvaw jinqdew biċ-ċertifikat l-ieħor.

*b.* Permezz tat-testment in kwistjoni, Sapienza u Angela Ellul, li kienu preżenti waqt li kien qed jiġi redatt it-testment, ġew li ggwadanjaw bil-bosta[10] u dan a skapitu ta' ħuthom l-oħra;

---

[10] It-tliet artikoli tat-testment jaqraw hekk:

***"L-ewwel Artikolu***
*It-testatriċi qed tħalli b'titolu ta' prelegat lil bintha Angela Ellul gia mart Anthony Ciappara in piena u assoluta proprjeta` il-garaxx formanti parti mill-għalqa magħrufa "tal-Fulija" li tinsab il-*

*c.* Għalkemm in-nutar xehed li Rosanna Ellul qaltlu li hemm biżżejjed raba' u bini ieħor għal uliedha l-oħra, jirriżulta li dan ma kien minnu xejn. Jekk verament xehdet hekk dan juri kemm lanqas biss kienet taf f'hiex kienu jikkonsistu ħwejjiġha, fatt li juri kemm ma kinitx kapaċi tagħmel att ċivili bħal ma hu testment.

*d.* Meta kienet qed issemmi li hemm biżżejjed proprjeta` oħra għal uliedha l-oħra, uliedha Sapienza u Angela baqgħu siekta u ma jirriżultax li ġibdu l-attenzjoni tan-nutar li dak li kienet qed tgħid ommhom ma kienx minnu.

*e.* **In-Nutar stess qal li kieku kien jaf bil-kundizzjoni tagħha, u li kieku kien jaf il-verita` dwar il-proprjeta`, ma kienx jagħmel it-testment.**

---

*Qrendi f' Żurrieq Road. Dan il-garaxx jinkludi wkoll il-porzjoni raba li tiġi eżatt warajh kif ukoll ir-raba li tinsab quddiemu.*

***It-tieni Artikolu***
*It-testatriċi qed tħalli b'titolu ta' prelegat lil bintha Sapienza Ellul in piena u assolut proprjeta` il-kmamar formanti parti mill-għalqa magħrufa "tal-Fulija" li tinsab il-Qrendi f' Żurrieq Road, U liema kmamar huma kontigwi mal-garaxx imsemmi fl-artikolu preċedenti. Dawn il-kmamar jinkludu wkoll il-porzjoni raba li tiġi eżatt warajhom kif ukoll ir-raba li tinsab quddiemhom.*

***It-tielet Artikolu***
*Għal kull buon fini u effett tal-liġi t-testatriċi tiddikjara illi taf li l-proprjeta` immobbli mħollija b'titolu ta' prelegat lil uliedha Angela Ellul u Sapienza Ellul in forza tal-preżenti testment ma tappartjenix lilha fl-interessa tagħha peress li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti gia eżistenti bejnha u bejn il-mejjet żewġha Matteo Ellul iżda xorta waħda trid u tordna li dan il-prelegat għandu jiġi konsegwit per intero mill-prelegatarji kif fuq istitwiti minnha.*

*Salv id-dispożizzjonijiet preċedenti t-testatriċi tiddikjara li tikkonferma, kif fil-fatt qegħda tagħmel, il-preċitat testment tagħha fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin tal-ħmistax ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tlieta u disgħin (15.03.1993) u trid u tordna li dana t-testment flimkien ma' dan tal-lum it-tnejn għandhom ikollhom saħħa u effett."*

31. Għalkemm huwa risaput li testment għandu jitqies li huwa validu jekk minkejja li sar minn persuna li ma tkunx perfettament sana minn moħħha, hija filwaqt li sar it-testment kellha l-użu tar-raġuni fi grad tali li tippermettilha li tkun taf x'inhi tagħmel, din il-Qorti jirriżultalha li dan ma kienx il-każ fiċ-ċirkostanzi li sar it-testment in kwistjoni. Fid-dawl tas-suespost din il-Qorti *invece* hija sodisfatta li Rosanna Ellul ma kinitx kapaċi skont il-liġi biex tagħmel it-testment li għamlet fit-28 ta' Jannar, 2010, u għalhekk dan l-appell tal-atturi jirriżulta ampjament fondat.

**<u>DEĊIDE</u>**

32. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tal-atturi, tħassar is-sentenza appellata, u *invece* qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attriċi. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-konvenuti appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da